# X'Qal Zoroäster fuq il-Ħbieb Qarrieqa

*U dawn mhux ħlief juruk ħbiberija.*
*Għax tassew ħżiena huma n-nies ġwejjef.*
*Iva ! il-ġwejjef moħħom jilħqilhom!*

NIETZSCHE

"Bosta ħwejjeġ xtaqt jien" qal Żoroäster "u x-xorti tatni. Deheb u fided ġbart, u ħarir u għelejjel mill-art.

Imma arani, bl-imnara f'idi, jien għadni nfittex : Qed infittex il-Ħabib ! Rajtuh jewwilla fit-triq ? Għiduli fejnu !"

* * *

"Sibtu l-ħabib, għax fittixtu bil-lejl u bi nhar. Għożżejtu l-ħabib għax qimtlu l-ħidma u x-xagħar bajdani, u f'qalbi għidt 'B'ħabib bħal dan min agħna minni !'

* * *

Qarraq bija l-ħabib! Kienet il-ħbiberija tiegħu bħal kliem il-lablab li joħroġ mill-fomm bil-għaġla għax ma jkunx tiela mill-qalb. Bagħad il-ġid tiegħi u ħebb għalija bl-ikreh. Ħabib ta' wiċċejn hu dak !

Hekk mela ħabib iħebb għall-ħabib? Għalih issa jħebbu t-tifkiriet ta' l-imgħoddi u jgħawwrulu ruħu !

Il-għolliq tat-triq dar ma' riġlejja imma jien għaffiġtu bil-qiegħ tal-qorq tiegħi.

Ara, riġlejja mhumiex mimsusa !

Bħal ma għaffiġt il-għolliq hekk ngħaffeġ il-'ħabib' li xxabbat miegħi biex iniggiżni. Bil-qiegħ tal-qorq tiegħi jiena ngħaffġu.

Jewwilla hu ma għaffiġx it-tifkiriet ta' l-imgħoddi taħt riġlejh !

Ħabib ta' wiċċejn li tkun għażżejt tistmellu aktar mill-qalb.

U bl-imnara f'idi, f'did-dinja ta' qerq jien narġa' noħroġ infittex lill-Ħabib tas-Sew".

* * *

Hekk ħalla miktub Żoroaster, aktar minn elfejn sena ilu b'tagħlima liż-żgħażagħ li għadhom jitrawwmu u lix-xjuħ li xagħarhom bjad.

Tassew, ftit tbiddlu l-ħbieb minn dak in-nhar 'l hawn !

Ġ. AQUILINA